# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## CITTÀ FERDINAND

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## SEDUTA NRU 218 – Il-Ħamis, 15 t'April 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fil-5:30pm.

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

**PREŻENTI**

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Joseph Sammut
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Nicholas Baldacchino

**TALBA**
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

**1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Is-Sindku ipproppona li l-Minuti tas-Seduta 217 ikunu approvati bħala dokument korrett.

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda.
Il-Kunsill unanimament qabel li japprova dan id-dokument bħala wieħed korrett.

**2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI**

**2.1 *Ground* tal-*Football***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien infurmat mill-Assistant Direttur tad-Dipartiment tal-Kunssill Lokali, li d-Dipartiment tal-Artijiet ma kien sab l-ebda oġġezzjoni, u għalhekk kien qed jagħti anki l-permess tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex inkunu nistgħu nipproċedu bil-ftehim.

**2.3 Proposta dwar gwida għall-parkeġġ fi Triq is-Salib.**

F'dan l-istadju, il-Viċi-Sindku qal li kien se jirtira mis-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva ittra mingħand Il-Viċi-Sindku qal li kien kellem lill-persuni involuti li ma kienux qed isibu l-ebda oġġezzjoni li s-sinjali tal-parkeġġ isiru kif proposti mill-perit tal-Kunsill, is-sur David Vassallo.

Is-Sindku għalhekk ippropona li dawn is-sinjali għandhom isiru. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

F'dan l-istadju, il-Viċi-Sindku ħa postu mill-ġdid fis-seduta.

## 3. FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.

Il-Kunsillier Dr Mark A Vassallo issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

### 3.2 Rapport finanzjarju 2009 bl-aġġustamenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li sar l-Audit, saru xi aġġustamenti fir-rapport finanzjarju, liema aġġustamenti ġew issuġġeriti mill-Awditur. Huwa kompla jgħid li dawn l-aġġustamenti ma jbiddu xejn mit-totali final tal-accounts tal-Kunsill.

Is-Sindku ippropona li għandna napprovaw dawn l-aġġustamenti.
Il-Kunsillier Nicholas Cassa issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4. KUNTRATTI

### 4.2 Boroż recycling (LCS 53/9)

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien ikkomunika mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex tingħata direzzjoni. Id-Direttur qal li f'dan il-każ, għandha tintalab *quote* lil xi kumpanija, u jekk din tkun aċċettabbli għall-Kunsill, tingħata lil din il-kumpanija. Is-Segretarju kompla jgħid li kien qed jistenna din il-*quote.*

### 4.3 Kuntratt Planting of public spaces u kuntratt pavements

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li filwaqt li l-kuntrattur tal-*Planting of Public* Spaces kien ippreżenta l-garanzija bankarija kif mitlub, il-kuntrattur tal-Pavements ma kienx għamel dan.

Is-Sindku ippropona li dan il-kuntratt jintemm immedjatament u toħroġ sejħa oħra għall-offerti.

Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.
F'dan l-istadju l-Kunsillier Mark Vassallo talab li jkun skużat.

## 5. MOZZJONIJIET

### 5.1 Mozzjoni dwar Triq Bur il-Kbir

Is-Sindku qal li kien infurmat minn Transport Malta li x-xogħlijiet fil-parti mit-triq fejn għada ma ġietx mogħtija l-hot asphalt kienu se jitkomplew sal-aħħar tax-xahar.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li minħabba dan l-iżvilupp kien se jirtira l-mozzjoni tiegħu.

## 6 HWEJJEĠ OHRAJN

### 6.1 Attività fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm

Il-Kunsilliera Rita Psaila ipproponiet li f'Mejju issir attività kulturali u rikreattiva fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Din tkun *self-financed.*

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 6.2 Talba mill-gabbani tal-Festa

Is-Sindku qal li billi kien hemm diversi sidien tal-gabbani preżenti, huwa ippropona li s-seduta għandha tiġi sospiża biex jiġu mismugħa l-ilmenti tagħhom.
Meta tkompliet is-seduta is-Sindku ippropona li l-Kunsill xorta waħda jibqa' jżomm il-pożizzjoni tiegħu skont il-proposta mressqa mill-Viċi Sindku f'seduta preċedenti.

Il-Viċi-Sindku issekonda. L-eżitu tal-votazzjoni kien hekk:

| | |
|---|---|
| Favur (3) | Robert Musumeci, Karol Aquilina, Joe Sammut; |
| Kontra (0) | |
| Astensjonijiet(3) | Nicholas Cassar, Rita Psaila, Jesmond Tanti. |

### 6.3 Talba għal twaħħil ta' arblu tad-dawl

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba mingħand il-kumpanija GO biex jitwaħħal arblu maġenb il-kabinett li twaħħal mill-istess kumpanija fi Triq San Ġakbu kantuniera ma' Triq il-Fawwara. Dan l-arblu għandu l-ghan li jissupplixxi d-dawl.
Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu din it-talba.
Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 6.4 Korsijiet tal-Computers

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba mingħand il-kumpanija TCTC biex fis-sajf li ġej jerġgħu jiġu organizzati korsijiet tal-computers għal ħlas ta' €1,100 għal massimu ta' 125 applikazzjoni. Huwa kompla jgħid li sar ftehim mal-istess kumpanija biex jekk in-numru ta' tfal ma jlaħħaqx għal 125, il-bilanċ jingħata f'korsijiet tal-computers għall-adulti. Il-parteċipanti jħallsu biss €10 għan-noti.

Is-Sindku ippropona li għandna naċċettaw dan il-ftehim.
Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 6.5 Twaħħil ta' mirja

Is-Sindku qal li teżisti problema dwar it-talbiet għal twaħħil ta' mirja ġodda jew bdil ta' mirja mkissra fit-toroq rurali. Dan għaliex ħafna minn dawn il-mirja qed jispiċċaw imkissrin.
Huwa ippropona li ssir mera faċċata ta' Triq id-Demnuq biswit il-Knisja l-Qadima. Din għandha ssir żgħira u baxxa kemm jista' jkun.

Il-Kunsillier Joe Sammut issekond u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.6 Talba għal un/loading bay fi Pjazza San Nikola**

Is-Segretarju Eżekuttiv li kien irċieva korrispondenza mit-Traffic Management Unit tat-Transport Malta biex il-Kunill jagħti l-kummenti tiegħu dwar talba għal un/loading bay quddiem "Ta' Peppa – Biway".

Is-Sindku qal li kien se jkellem lis-sid u tittieħed deċiżjoni fis-seduta li jmiss.

**6.7 Summer Arts & Crafts Courses**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm talba biex il-korsijiet tal-arts and crafts għat-tfal jerġgħu isiru. Dawn il-korsijiet huma self-financing.

Il-Kunsilliera Rita Psaila ipproponiet li din it-talba tintlaqa'.

Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.8 WIFI access points**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fuq talba tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, u wara konsultazzjoni mas-Sindku u Viċi-Sindku, huwa kien ressaq lid-Dipartiment li fi Pjazza San Nikola, fil-Playing Field, Triq tal-Providenza u f'Għar Lapsi Park isiru WIFI access points.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara din is-seduta bħala magħluqa fis-7:00pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **il-Ħamis, 6 ta' Mejju** fil-5:30pm**.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| Il-Perit Robert Musumeci | Nikol Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Konfermati llum il-Ħamis, 6 ta' Mejju, 2010